MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 932/2014

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv numru 1577/14 MB fl-ismijiet:**

**L-Avv. Dott. Jan-Karl Farrugia (I.D. 532576 M) u l-PL Jean Pierre Busuttil (I.D. 407171 M)**

**vs**

**Marc Aquilina (I.D. 105069 M), f'ismu proprju u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Sand & Gravel Ltd (C 337), Euro Concrete Blocks Ltd (C 16202), Wied Incita Quarries Ltd (C 14472),**

**Rainbowmix Concrete Ltd (C 6763), Carisma Ltd (C 37961) u Cocktail Ltd (C 35704)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Marc Aquilina (I.D. 105069 M), f’ismu proprju u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Sand & Gravel Ltd (C 337), Euro Concrete Blocks Ltd (C 16202), Wied Incita Quarries Ltd (C 14472), Rainbowmix Concrete Ltd (C 6763), Carisma Ltd (C 37961) u Cocktail Ltd (C 35704) skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 281 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) datat 24 ta’ Ottubru 2014 fejn esponew: -

Illi, permezz tar-rikors taghhom fl-ismijiet hawn fuq premessi ta’ nhar l-10 ta’ Ottubru 2014, l-intimati l-Avukat Dottor Jan-Karl Farrugia u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil, talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tordna l-hrug ta’ mandat ta’ qbid ezekuttiv fil-konfront tal-esponenti, in ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv minnhom vantat - ossija: “Bilanc ta’ taxxi dovuti skont l-ittra ufficjali bin-numru 587/14 debitament notifikata lid-debitur” - u dan fl-ammont ta’ wiehed u erbghin elf u tmien mitt ewro (€41,800) bhala *sorte*, tlettax-il elf tliet mija u sitta u sebghin ewro (€13,376.00) bhala imghax, u tmien mija u hamsa u sebghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€875.33) bhala spejjez, ghal total ta’ sitta u hamsin elf u wiehed u hamsin ewro u tlieta u tletin centezmu (€56,051.33);

Illi, permezz ta’ digriet tal-21 t’Ottubru 2014, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tal-intimati kif dedotta, taht dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni;

Illi, nhar it-22 t’Ottubru 2014, il-mandat ta’ qbid ezekuttiv odjern gie ezegwit fuq vettura tat-tip BMW X6, bin-numru ta’ registrazzjoni GBL 425, li tqieghdet taht il-harsien u z-zamma tal-kunsinnatarju Paul Camenzuli;

Illi, effettivament, l-intimati talbu wkoll illi l-mandat ta’ qbid ezekuttiv odjern jigi ezegwit ukoll fuq il-vettura tat-tip BMW 3 Series Coupe’, bin-numru ta’ registrazzjoni TAT 126, u kif ukoll fuq l-oggetti kollha li jinstabu fl-indirizz, ossija 10, Triq l-Adrijatiku, The Village, San Gwann, jew fil-garaxx li jinstab fuq ix-xellug tal-istess proprjeta’;

Illi bl-imsemmi rikors premess ir-rikorrenti odjerni talbu li l)i tigi sospiza l-ezekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid ezekuttiv fuq l-oggetti msemmija fil-paragrafu precedenti, u li fuqhom l- imsemmi mandat ghadu ma giex ezegwit - pendenti l-ezitu definittiv ta’ dan ir-rikors u 2) illi l-istess mandat jithassar ghal kollox, jew f’parti minnu a tenur tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

In sostenn tat-talba tieghu ir-rikorrent proprio et nomine adduca diversi ragunijiet u cioe I) in-nuqqas ta' notifika skond il-Ligi tal-ittra ufficjali numru 587/14; II) li t-taxxi annessi mal-istess ittra ufficjali ma kienux ufficjali; III) li l-ebda taxxa annessa mal-ittra ufficjali numru 587/14 ma tirreferi ghall-kumpanija Carisma Limited; IV)li b'applikazzjoni tal-principju *pacta sunt servanda* l-ammont mitlub ghandu jirrefletti ftehim ta' kompromess bejn ir-rikorrent nomine u l-Avukat Jan-Karl Farrugia skont ftehim anness (**DOK.C);** u V)li l-pretensjoni tal-Prokuratur legali Jean Pierre Busuttil hija intempestiva billi ghadu ma rrinunzjax ghall-patrocinju tar-rikorrenti.

Rat id-Digriet taghha tas-27 ta' Ottubru 2014 fejn ordnat in-notifika lill-kontroparti b'ghaxart (10) ijiem ghar-risposta filwaqt li appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-6 ta' Novembru 2014 f'dan l-istadju cahdet l-ewwel talba dedotta fir-rikors.

Rat il-verbal tas-6 ta' Novembru 2014 fejn ir-rikors thalla ghan-notifika ghall-11 ta' Novembru 2014 u, *stante* l-urgenza tar-rikors skont l-artikolu 281(3) tal-Kap.12 awtorizzat lir-rikorrent biex jinnotifika lill-intimati bil-purtier anke wara l-hinijiet legali u kull fejn jinstabu.

Rat il-verbal tal-11 ta' Novembru 2014 fejn deher Dr. Alexander Schembri ghar-rikorrent u l-PL Jean Pierre Busuttil. Il-Qorti ordnat korrezzjoni tan-numru tal-Karta tal-Identita tal-PL Busuttil kull fejn jenhtieg u awtorizzat lir-rikorrent odjern sabiex jinnotifika lill-Avukat Jan-Karl Farrugia fil-bini tal-Qorti fit-18 ta' Novembru 2014 fejn kellu jattendi ghall-kawza quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta. *Stante* l-urgenza imposta bl-artikolu 281 tal-Kap.12 ordnat li r-risposta tal-Avukat Farrugia ghandha tinghata fid-differiment fejn jissejjah quddiem din il-Qorti anke jekk iz-zmien ikun anqas minn ghaxart ijiem. Ir-rikors gie differit ghall-21 ta' Novembru 2014.

Rat ir-risposta  tal-Prokuratur Legali Jean-Pierre Busuttil datata 17 ta’ Novembru 2014 fejn esebixxa kopja tar-risposta kongunta tieghu u ta’ l-Avukat Jan-Karl Farrugia, liema gietipprezentata fl-atti ta’ Mandat ta’ Inbizzjoni Numru 1739/14MCH, fl-ismijiet inversi ghar-rikors odjern, liema risposta a skans ta’ ripetizzjoni inutili ta’ dilungar bla bzonn, tikkomprendi l-argumenti kollha kif ukoll id-dokumenti in sostenn tar-risposta odjerna tal-esponent (Dok “JP 1”).

Illi fl-istess risposta irrileva li r-risposta tal-intimat Avukat Jan-Karl Farrugia, ser tigi prezentata fi zmien lilu moghti fl-udjenza tal-11 ta’ Novembru 2014.

Rat ir-risposta ta’ Dr Jan-Karl Farrugia datata 20 ta’ Novembru 2014 fejn wiegeb ghal-lanjanzi sollevati fir-rikors odjern fid-dettall. Dan gie trattat minnu dettaljatament punt, punt, *viva voce*, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2014

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-21 ta’ Novembru 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Alexander Schembri ghar-rikorrent Marc Aquilina prezenti. Dehru wkoll l-intimati Dr. Jan-Karl Farrugia u l-PL Jean-Pierre Busuttil. Dr. Jean-Karl Farrugia esebixxa kopja tal-Mandat ta' Qbid Nru: 1577/14 flimkien mat-taxxi annessi. Id-difensuri tal-partijiet qablu li t-taxxi hemm annessi kienu taxxi ufficjali, u d-dokument gie mmarkat Dok “JKF 1”. Dr. Alex Schembri ghal kull *buon fini* iccara li b'din l-azzjoni mhux qed jimpunja l-att ezekuttiv abbazi ta' l-allegat eccessivita` fl-ammont mitlub fit-taxxa, b'riserva ghall-kwalsiasi jedd iehor spettanti lilu fuq dan il-mertu. Dr. Alex Schembri prezenta kopja ta' sentenza li giet immarkata bhala Dok “AS 1”.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u semghet it-trattazzjoni tal-Avukati u ddifferiet ir-rikors ghal digriet ghat-Tnejn 24 ta' Novembru 2014 fil-11:00a.m.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Ikkonsidrat li dan ir-rikors jirrigwarda talba ghar-revoka ta' Mandat ta' Qbid Ezekuttiv Numru 1577/14[1] *ai termini* tal-artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe`, minhabba raguni valida skont il-Ligi.

Illi t-titolu li bis-sahha tieghu inhareg dan il-Mandat huma taxxi ta' Drittijiet professjonali (disa' taxxi) prestati mill-intimati ezekutanti f'diversi kawzi.

Illi jirrizulta li l-imsemmi Mandat inhareg fil-21 ta' Ottubru 2014 ghall-ammont ta' €41,800 oltre €13,375 imghaxijiet[2] u €875.33 spejjez in ezekuzzjoni tal-"*bilanc ta' taxxi dovuti skond l-ittra ufficjali bin-numru 287/14 debitament notifikat lid-debitur."*

Illi l-ittra ufficjali 587/14, esebita bhala **DOK A** mar-rikors a fol 11 tal-process hija indirizzata lill-Marc Aquilina *proprio* u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Sand & Gravel Limited, Euro Concrete Blocks Limited, Wied Incita Quarries Limited, Rainbow Mix Concrete Limited, Carisma Limited u Cocktail Limited. B'din l-ittra l-intimat *proprio et nomine* gie interpellat mill-kredituri ezekutanti sabiex "*fi zmien jumejn mid-data li tircievi din l-ittra"* ihallas l-ammont ta' €41,800 "*rapprezentanti in kwantu ghal €23,000 bilanc ta' pendent ta' drittijiet dovuti lill-Avukat mittenti u in kwantu ghas-somma ta' €18,800 rapprezentanti drittijiet dovuti lill-Prokuratur Legali naxxenti minn hdax-il Taxxa ta' Drittijiet mahruga mir-Registratur tal-Qrati Civili (kopji annessa bhala DOK.XI sa XII)...Din l-interpellanza qed issirlek a tenur tal-Artikoli 253 (c) u 256(2) tal-Kap.12."*

## <u>Konsiderazzjoni ta' Dritt</u>

[1] Dok JKF1
[2] Ikkalkolati *ai fini* tal-mandat mit-18 ta' Novembru 2010 sad-data tal-prezentata tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat salv imghaxijiet ulterjuri .

Illi skont l-**Artikolu 281 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta premess, huwa moghti d-dritt lill-persuna li jinhareg kontra taghha mandat ezekuttiv sabiex jaghmel rikors fejn jintalab li l-istess mandat jithassar ghal kollox jew parti minnu, ghar-raguni skont fil-ligi.

It-tifsira ta' dan l-artikolu gie trattat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "***Edward Pace v Michael Sultana"*** (PA JRM - Rik 287/05 - dec fil-5 ta' Mejju 2005). Il-Qorti osservat hekk:

*"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg[3].Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A* (illum 281) *jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;*

*Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skont il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[4]. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi*

---

[3] Ara, per ezempju, App. Civ. **1.12.2000** fil-kawza fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Civ. **25.5.2001** fil-kawza fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.414**)

[4] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (digriet interlokutorju) u

*jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju".*

**<u>Ezekutivita' tat-Titlu - Notifika tad-Debitur pro et noe</u>**

Ir-rikorrent jistrieh fuq in-nuqqas ta' notifika valida skont il-Ligi tal-ittra ufficjali. F'tali nuqqas, jissottometti li t-titolu ezekuttiv hu karpit b'difett ta' forma li jrendi l-istess mandat null.

Il-Qorti ser tindirizza din il-lanjanza peress li tqies li hija l-aktar rilevanti fit-termini tal-artikolu 281 premess.

Skont l-artikolu **253 (c) tal-Kap.12** Huma titoli esekuttivi:

"(ċ) taxxi ta' drittijiet u spejjeż ġudizzjarji, maħruġa favur tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, ta' avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit ieħor imqabbad minn qorti, jew xhud, meta dawn it-taxxi ma jkunux ġew attakkati skont il-liġi;"

It-taxxi huma fost it-titoli ezekuttivi li jsiru esegwibbli wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju (**artikolu 256(2) tal-Kap. 12).**

Inoltre skont l-**artikolu 64** tal-Kap.12:

***"64.** (1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika."*

Mehudin flimkien dawn l-artikoli jissarfu fil-pedament tal- esegwibbilta' tat-taxxi bhala titlu ezekuttiv. Dan hu ibbazat fuq in-notifika tad-debitur bl-ittra interpellatorja (256(2)) u li mill-istess notifika jiskatta d-dritt moghti lid-debitur biex jimpunja t-taxxa skont l-artikolu 64 fuq citat. Dan hu wkoll konformi mal-principju l-aktar fondamentali tal-gustizzja naturali li jirrikjedi *ad validitatem* in-notifika ta' min ikun imsejjah in gudizzju.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-ittra ufficjali li hu l-pern u l-fondament tal-mandat ezekuttiv[5] u r-riferti tan-notifiki relattivi. L-ewwel nuqqas lampanti johrog mill-fatt li minnkejja li l-ezekuzzjoni hija mitluba kontra ben sitt kumpaniji rapprezentati minn Marc Aquilina, lanqas biss sar tentattiv wiehed biex dawn jigu notifikati fl-indirizz registrat taghhom (ara **DOK B)** li hu l-istess indirizz f'Wied Incita Attard.

Minnflok u inesplikabbilment, din l-ittra intbaghtet lill-Marc Aquilina, anke ghan-nom tal-kumpaniji imsemmija, fir-residenza personali tieghu.

Mir-riferti a fol 12 jirrizulta li filwaqt li fis-7 ta' April 2014 "*ma fetah hadd",* fit-28 ta' April 2014 il-Marixxal kiteb *"Ma sibtx numru 10 fi Triq l-Adrijatiku, San Gwann."*

[5] **DOK A** a fol 11 sa 28 tal-process.

Sussegwentement, kif jirrizulta minn fol 13, saret l-affissjoni fl-Ghassa u fil-Kunsill Lokali ta' San Gwann izda ma saritx affissjoni fl-indirizz residenza ta' Marc Aquilina numru 10 fi Triq l-Adrijatiku, San Gwann billi rega' irrizulta mir-riferta li l-Marixxall ma sabx dan l-indirizz.

Ikkonsidrat li n-notifika ta’ socjetajiet kummercjali jew kumpaniji hija regolata **bl-artikolu 187(4)** tal-Kap.12 li jirrikjedi li n-notifika ghandha ssir" *(a) fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju prinċipali, tiegħu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f’idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181A jew f’idejn impjegat ta’ dak il-korp; jew (b) f’idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1)"*

Illi hu evidenti li fil-kaz odjern, mhux biss ma saritx in-notifika skont dan is-subartikolu imma lanqas biss sar tentattiv f'dan is-sens u, inoltre, ghalkemm Marc Aquilina jikkwalifika bhala persuna imsemmija fl-artikolu 181A(2), certament ma giex notifikat personalment skont kif imfisser fl-artikolu 187(1).

Difatti l-artikolu 187(5) li jirregola kif ghandha issir in-notifika lill-(*inter alia)* kumpaniji bil-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni jiddisponi li l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni ghandha issir biss "*Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta’skrittura jinstab li n-notifika kif provdut fis-subartikolu (4) ma tkunx saret.."*

Il-kliem tal-legislatur f'dan il-kaz huma inekwivoci u jenhtieg li l-ewwel isir tentattiv ta' notifika fl-ufficcju registrat tal-kumpanija jew f'idejn wiehed

mill-ufficjali tal-kumpanija kif imfissra fil-ligi jew skont l-artikolu 187(1) izda certament mhux bl-affissjoni fil-lokalita' tar-residenza tad-dirigent.

Illi mhux biss, imma l-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni prefissa bis-subartikolu (5) jirrikjedi li l-affissjoni ssir billi kopja tal-att jitwahhal mal-indirizz registrat tal-kumpanija u fejn il-korp ikollu l-ufficcju registrat. Fil-kaz odjern dan ma sarx.

Ghaldaqstant jirrizulta li s-socjetajiet ezekutati ma gewx notifikati skont il-Ligi bl-ittra ufficjali kif hu rikjest *ad validitatem* skont l-artikolu 256(2) tal-Kap.12.

Fir-rigward ta' Marc Aquilina l-ezekutanti mexxew *per via* d'affissjoni. Hawnhekk il-Qorti ravvisat diskrepanza bejn l-indirizzi tieghu kif indikati fil-Mandat u kif indikat fl-ittra ufficjali billi huwa biss fil-Mandat Ezekuttiv li l-indirizz ta' Marc Aquilina hija indikata bhala 10, Fi Triq L-Adrijatiku, The Village, San Gwann mentri fl-ittra ufficjali l-indirizz moghti *ai fini* tan-notifika hija impreciza billi hu indikat biss bhala 10, Triq l-Adrijatiku San Gwann minghajr ma jissemma "*The Village."* Jekk din id-diskrepanza kienet voluta jew semplicement rizultat ta' traskuragni da parti tal-kredituri ma tirrizultax mill-atti.

Il-kwistjoni sollevata mir-rikorrent hija proprju dwar l-affissjoni ghaliex din ma saritx mal-bieb tar-residenza ta' Marc Aquilina imma biss fl-Ghassa u fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali ta' San Gwann.

Infatti r-riferta tal-Marixxall jerga' jirrepeti l-kliem li l-indirizz ma nstabx ghalkemm ma jirrizultax li kien hemm xi  diffikolta' biex dan l-indirizz jigi lokalizzat fis-7 ta' April 2014.

L-intimati jissottomettu li l-artikolu 187(3) jirrikjedi l-affissjoni mal-bieb tar-residenza biss "meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf" u fil-kaz in ezami, billi l-indirizz ma nstabx allura l-affissjoni mal-bieb tar-residenza mhix aktar mehtiega. Jghidu li l-obbligu tal-pubblicita' kienet soddisfatta bl-affissjoni u pubblikazzjoni anke minghajr ma twahhlet kopja mal-bieb tad-dar ta' Marc Aquilina.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma’ din it-tezi. Ir-riferta stampata fuq l-ittra ufficjali datata s-7 ta' April 2014, li pprecediet ir-riferta tat-28 ta' April 2014 kien juri bic-car li dan l-indirizz kien jezisti u seta' jinstab minghajr diffikolta'. Kien facli ghall-kreditur li jirraviza din id-diskrepanza bejn iz-zewg riferti u jassigura li ssir in-notifika regolarment kif sehh fil-kaz tal-Mandat ta' qbid .

Fil-kaz odjern u rinfaccjati b'tali kontradizzjoni bejn iz-zewg riferti, ma jirrizultax li l-kredituri ghamlu dak kollu li kien mehtieg biex jassiguraw notifika valida skont il-Ligi. Anzi ghar-ragunijiet li mhumiex cari, ghazlu li ma jinnotifikawx la lis-sitt kumpaniji fl-indirizz ufficjali taghhom, meta dan kien rikjest bil-Ligi, u lanqas lill-Marc Aquilina almenu fil-post tax-xoghol tieghu. Hu evidenti li l-legislatur jezenta lin-notifikant mill-htiega ta' affissjoni mal-bieb biss f'kazijiet eccezzjonali izda certament mhux fejn hu maghruf fejn id-debitur jahdem u jghix u mhux qed jinheba mill-kredituri tieghu.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, Marc Aqulina *proprio et nomine* gie sorpriz bl-ezekuzzjoni kontrih ta' Mandat Ezekuttiv meta lanqas inghata l-opportunita' skont il-Ligi biex jimpunja t-taxxi mahruga.

Illi ghalhekk isegwi li t-taxxi qatt ma setghu isiru ezekuttivi ghaliex id-debitur ma tpoggiex f'posizzjoni li jattakkahom kif jrid l-artikolu 253(c) meta jinqara flimkien mal-artikolu 64 tal-Kap.12.

**Taxxi Mhux Ufficjali**

Illi kwistjoni ohra li tindirizza proprju l-validita' tat-taxxi esegwiti tohrog mid-difett ta' forma ravvizata fit-taxxi annessi mal-ittra ufficjali imsemmija. Kif jirrizulta mill-istess dokumenti esebiti a fol 14 sa 22, dawn lanqas huma iffirmati minn ufficjal tar-Registru tal-Qrati ta' Malta u lanqas jidher li nhadmu minn ufficjal awtorizzat skont il-Ligi.

L-intimati ssottomettew li t-taxxi kienu *come ceduti* u l-prassi fir-Registru hi li dawn ma jigux iffirmati mill-ufficjal awtorizzat. Izda hawnhekk qeghdin fil-kamp tad-dritt mhux ta' prassi u l-Ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn taxxi *come ceduti* u taxxi ohra.

Madanakollu l-artikolu 256(2) jirrikjedi n-notifika ta' ittra ufficjali bhala "*sejha ghall-hlas*" u l-ittra ufficjali hija konformi ma' dan ir-rekwizit ghalkemm ma gietx notifikata regolarment. Izda fil-fehma tal-Qorti l-ittra ufficjali xorta hija wahda monka ghaliex in-notifika hija intiza biex tpoggi lid-debitur fil-posizzjoni li jkun jista' jimpunja t-taxxi . Ghal dan l-iskop it-taxxi notifikati bilfors iridu jkunu ufficjali.

Ikkonsidrat li l-kredituri ezekutanti annettew taxxi ufficjali debitament iffirmati mal-Mandat Ezekuttiv izda anke paragun bejn dawn it-taxxi u dawk annessi mal-ittra ufficjali jirrizulta f'diskrepanzi f'kull wiehed minnhom.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-mankanza tikkostitwixxi raguni ohra ta' difett ta' forma billi l-Mandat Ezekuttiv ghandu jirraporta ezattament t-titolu kif reklamat fl-att gudizzjarju precedenti.

**Esegwibbilta` kontra Carisma Limited**

Minn ezami tat-taxxi annessi mal-ittra ufficjali premessi hu minnu dak allegat mir-rikorrenti li l-ebda taxxa tikkoncerna din il-Kumpanija. Lanqas jirrizulta li hemm taxxa rigwardanti proceduri li jinvolvu din is-socjeta' annessa mal-Mandat Ezekuttiv u ghaldaqstant ghandhom ragun ir-rikorrenti biex jitolbu t-thassir tal-Mandat fil-konfront ta' din is-socjeta'.

Izda 'l hinn minn din il-kawzali limitata ghal wahda mis-socjetajiet rikorrenti, din il-Qorti hi tal-fehma, ghall-motivi fuq spjegati li ghandha tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti biex l-atti ta' dan il-mandat jigu dikjarati nulli ghax ma jirrizultax li t-titolu ezekuttiv gie rez ezegwibbli kif trid il-ligi.

Fic-cirkostanzi ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti titratta l-kwistjonijiet ohra relatati mal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, u dwar il-fatt jekk il-Prokuratur Legali irrinunzjax *o meno* ghall-patrocinju tar-rikorrenti, in kwantu dawn huma kwistjonijiet ta' mertu li, semmai ghandhom jigu indirizzati f'proceduri ta' kontestazzjoni tat-taxxi.

## III. DECIDE

Ghalhekk il-Qorti ghar-ragunijiet fuq moghtija tilqa' t-talba tar-rikorrent, u tirrevoka d-digriet ghall-hrug tal-mandat ta' qbid u bejgh Ezekuttiv nru.1577 /2014 u konsegwentement tiddikjara nulla u bla effett l-atti tal-istess mandat.

L-ispejjez jigu sopportati mill-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------